Ċ

Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI S-SWIEQI**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA 2019**

**SEDUTA NUMRU 49**

Il-Kunsill Lokali tas-Swieqi iltaqa f'seduta nhar it-Tnejn 28 ta' Novembru 2022 fl-16.30.

Din il-laqgħa qed issir ukoll online.

**Preżenti:**

| | | |
|---|---|---|
| Noel Muscat | - | Sindku |
| Anna Pisani | - | Kunsillier (16.50) |
| Matthew Bonello | - | Kunsillier |
| Edgar Rossignaud | - | Kunsillier |
| Rowena Scicluna | - | Kunsillier (17.20) |
| Theresa Valentino | - | Kunsillier (17.05) |
| Paul Fenech | - | Kunsillier |

Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier A.Chetcuti talbu sabiex jkunu skużati fuq raġunijet ta' safar.

Uffiċjal Preżenti: Clarissa Buhagiar – Aġent Segretarju Eżekuttiv

Is- Sindku qal it-talba.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Aġent Segretarju Eżekuttiv

*Is-Sindku sellem l-memorja ta' Sur Daniel Spiteri li traġikament tilef ħajtu waqt li qed jaqdi dmirijietu fuq il-post ta' xogħol. Flimkien mal-bqija tal-Kunsill taw il-kondoljazzjoni lil familjari u ħbieb tiegħu. Is-Sindku awgura lil Kunsillier T. Valentino li riċentament saret nanna.*

**49.1 Approvazzjoni ta' Minuti**

49.1.1 Il-Minuti tas- Seduta Nru.48 ġew approvati. Il-Kunsillier P. Fenech ippropona pproponiet u l-Kunsillier E.Rossignaud issekonda.

**49.2 Punti li joħorġu mill-Minuti**

48.2.1 Il-Kunsillier E. Rossignaud informa li l-xogħlijiet fuq il-kostruzzjoni ta' grada fi Ġnien FX Ebejer fi Triq is-Swieqi tlesta u wieħed jista' jinnota kif din tejbet l-aċċessibilta għal dan il-ġnien pubbliku. L-Aġent SE infurmat li se ssir talba lil Reġjun Lvant għal rifużjoni ta' dawn l-ispejjeż.

***Il-Kunsillier A.Pisani kienet preżenti għal din is-Seduta. Il-ħin kien 16.50.***

**49.3 Rapport mis- Sindku**

49.3.1 Is-Sindku ppreżenta rapport idettaljat li se jkun aness ma' dawn il-Minuti bħala App. A.

49.3.2 Nhar it-8 ta'Novembru, is-Sindku nforma li flimkien mal-Aġent SE attendew għal laqgħa ma' Surġent tal-Community Police, fejn infurmahom li stabbiliment partikolari fi Triq is-Sidra qed jibqa' miftuħ 24/7 u konsegwenza t'hekk qed jirċievu diversi lmenti minn residenti tal-madwar dwar l-istorbju. Is-Surġent infurmat li sfortuntament il-liġi ma tippermettix lil Pulizija biex jħarrku lis-sidien peress li jekk ħanut jkun ibiegħ ċertu prodotti *"ta'bżonn",* dal-ħanut jista' jibqa' jopera. Waqt din il-laqgħa, il-Pulizija ġew infurmati wkoll b'xi residenzi fi Triq il-Ħorża li siġar tagħhom qed jostakolaw il-bankina.

49.3.3 Nhar id-9 ta' Novembru, is-Sindku flimkien mal-Viċi Sindku u l-Kunsillier E.Rossignaud attendew għal laqgħa li saret ma' xi studenti ta' l-Inġinerija. Dawn l-istudenti qed jippreperaw rapport idettaljat dwar is-Swieqi u se jkun qed jippreżentawh lil Kunsill fil-ġimgħat li ġejjin.

***Il-Kunsillier T.Valentino kienet preżenti għal din is-Seduta. Il-ħin kien 17.05.***

Noel Muscat
Sindku

C.Buhagiar
Clarissa Buhagiar
Aġent Segretarju Eżekuttiv

**49.3 Rapport mis- Sindku – ikompli**

49.3.4 Nhar id-9 ta' Novembru, id-Dipartiment għal Gvern Lokali organizza laqgħa ta' konsultazzjoni dwar ir-riforma tal-Kunsilli Lokali/Reġjonali fis-sala tal-Kunsill. Għal din il-laqgħa kien hemm preżenti l-Viċi Sindku, l-Kunsillieri R. Scicluna, T.Valentino u E.Rossignaud u l-Aġent SE. Waqt din il-laqgħa, is-Sindku kif ukoll il-Viċi Sindku għamlu l-interventi tagħhom fejn saħqu fuq l-importanza li l-Kunsilli jinggħataw iktar riżorsi (kemm umani kif ukoll finanzjarji) sabiex joperaw b'iktar effiċenzja. Matul din il-laqgħa, reġa' tqajjem il-punt ta' bżonn kbir li jkun hemm iktar kooperazzjoni bejn l-entiatjiet tal-Gvern kif ukoll iktar infurzar speċjalment fuq skart mormi llegalment u sewqan eċċessiv.

49.3.5 Nhar it-18 ta' Novembru, is-Sindku flimkien mal-President ta' Reġjun Lvant ppreżentaw starter packs lit-tfal li bħalissa jattendu għal-lezzjonijiet ta' duttrina. Dawn l-starter packs jikkonsistu f'pinna, lapez, terprina u gomma kollha magħmula minn materjali sostenibli/riċiklat.

49.3.6 Nhar id-19 ta'Novmebru, grupp ta' studenti mill-MMSA ipprovdew *health check-ups* b'xejn għar-residenti kollha mill-uffiċini tal-Kunsill bejn it-8am u l-11.00am. Dawn bdew jiċċekjaw il-BMI, il-pressjoni kif ukoll il-livell ta' zokkor ta' kull individwu. Jidher li din intlaqgħet tajjeb mir-residenti u għalhekk tajjeb li din tibqa' ssir anke matul is-sena l-ġdida.

***Il-Kunsillier R.Scicluna kienet preżenti għal din is-Seduta. Il-ħin kien 17.20.***

49.3.7 Rigward il-vaċċin ta' l-influenza, is-Sindku flimkien ma' l-Aġent SE urew id-diżżapunt tagħhom fejn wara dak ix-xogħol kollu involut, fl-istess ġurnata li l-Kunsill kien se jmur jiġbor il-vaċċin mill-klinika tal-Furjana, ġejna nfurmati li l-ebda Kunsill mhu se jkun jista' jiġborhom. Wara li ġejna rriffjutati li nagħtu dan is-servizz, ġejna nfurmatu li nhar l-24 ta'Novembru, se jkun hawn nurse toffri l-vaċċin ta' l-influenza u tal-COVID għal pubbliku inġenerali. L-Aġent SE infurmat li għalkemm ġew xi residenti biex jinqdew ma kienx hemm *turn out* mixtieq.

49.3.8 Is-Sindku nforma li bejn il-25 u 26 ta'Novembru attenda għal laqgħa organizzata mill-AKL għal Kunsilli Lokali kollha. Għal din il-laqgħa kienu mistiedna anke Kunsillieri u s-Segretarji Eżekuttivi. Waqt din il-laqgħa reġgħet spikkat il-problema ta' nuqqas ta' infurnzar fil-lokalitajiet kollha.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Aġent Segretarju Eżekuttiv

**49.3 Rapport mis- Sindku – ikompli**

49.3.9 Is-Sindku fakkar li hekk kif ġie deċiż fl-aħħar Seduta, il-laqgħa annwali ta' lokalita se ssir nhar l-Erbgħa 30 ta' Novembru fil-17.30.

49.3.10 Rigward il-kwistjoni tal-passaġġ bejn Triq J.Kalleya u Triq il-Ġiżimin, is-Sindku nforma li għalkemm ġiet sottometta PC Application minn naħa tal-Kunsill, jidher li għadu xejn mhu deċiż. Għaldasqtant huwa talab sabiex mill-aktar fis ssir laqgħa ma' Sur Portughes u l-Perit tal-Kunsill sabiex jiġi stabilit l-pass li jmiss. L-Aġent SE infurmat li se tkun qed tagħmel l-kuntatti neċċessarji.

49.3.11 Is-Sindku staqsa jekk hemm xi data preferuta sabiex il-Kunsilliera u l-istaff jiltaqgħu fl-okazzjoni tal-festi tal-Milied. Wara diskuzzjoni, ġie deċiz li din ssir fil-bidu ta' Jannar minħabba li bħalissa kulħadd se jkollu l-impenji tiegħu. L-Aġent SE infurmat li jekk din se ssir, għandhom jiġu rrispetati l-linji gwida dwar l-infiq permess.

49.3.12 Is-Sindku awgura l-Milied it-tajjeb u s-sena ġdida mimlija saħħa u ġid lil Kunsilliera u l-istaff kollu u rringrazzjahom ta' xogħol siewi li sar matul is-sena kollha.

Il-Kunsillier T. Valentino talbet sabiex tkun skużata. Il-ħin kien 17.45.

**49.4 Kommunikazzjoni mill-Kunsillieri**

<u>Mill-Kunsillier R.Scicluna</u>

49.4.1 Hija staqsiet jekk kienx hemm xi progress dwar il-kwistjoni tal-junction box ta' Triq l-Għarbiel. L-Aġent SE infurmat li sa issa l-Kunsill ma rċieva l-ebda komunikazzjoni dwar dan.

<u>Mill-Kunsillier A.Pisani</u>

49.4.2 Il-Kunsillier A.Pisani infurmat li wara l-maltemp li kellna, il-ġnien ta'Ċentru Ċiviku għandu bżonn kinsa mill-weraq. L-Aġent SE infurmat li dan se jkun qed issir dal-waqt anke ħabba l-attiviatjiet li huma pjanata bejn is-6 u l-11 ta' Diċembru 2022.

49.4.3 Hija ġibdet l-attenzjoni li l-bozza ta' Triq tal-Ibraġ ħdejn Drift għadha mhux tixgħel. L-Aġent SE infurmat li din il-bozza qiegħda f'idejn l-Enemalta u għadna qed nistennew l-*updates* tagħhom.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Aġent Segretarju Eżekuttiv

**49.4 Kommunikazzjoni mill-Kunsillieri**

Mill-Kunsillier E.Rossignaud

49.4.4 Il-Kunsillier E.Rossignaud staqsa jekk hux possibli li jiġi installat xi dawl fil-gazebo li hemm fil-Ġnien FX Ebejer fi Triq is-Swieqi peress li qed tkun mudlama ħafna u tati lok għal xi abbużi. L-Aġent SE infurmat li se tkun qed tiċċekja dwar din il-possibilita forsi jista' jiġi installa dawl bis-sistema solari.

49.4.5 Huwa nforma wkoll li bejn Triq is-Sidra u Triq il-Gejża hemm ħafna dlam u għalhekk jidher li hemm xi ħsarat fid-dawl ta' triq. L-Aġent SE infurmat li se tkun qed tiċċekja dwar dan u għaliex qed tieħu fit-tul biex tissewwa.

49.4.6 Rigward l-advertising panels, il-Kunsillier staqsa sabiex ikollu lista aġġornata tagħhom. L-Aġent SE infurmat li s-Sa. Donna Ellul se tkun qed tipprovdilu din il-lista.

Mill-Kunsillier M.Bonello

49.4.6 Il-Kunsillier staqsa jekk sarux it-tiswijiet neċċessarji fuq il-kurduna tal-bankina fi Triq is-Swieqi. L-Aġent SE infurmat li dawn ix-xogħlijiet diġa' tlestew.

49.4.7 Il-Kunsillier staqsa jekk hux possibli li jsir sinjal isfar fi Triq Passiflora ma' dawra ta' quddiem CreekVille peress li skond ilmenti li rċieva jidher li qed ikun hemm min iħalli l-vetturi tiegħu pparkjati hemm. L-Aġent SE infurmat li flimkien mas-Sindku diġa' marru fuq il-post dwar din il-problema u inbagħtet Works Order lil kuntrattur.

Mill-Kunsillier P. Fenech

49.4.8 Huwa informa li bl-għajnuna tad-Dipartiment għal Gvern Lokali, il-Kunsill se jkun qed jorganizza Heritage Laser Show nhar it-28 ta' Diċembru. Huwa staqsa sabiex il-Viċi Sindku kif ukoll il-Kunsillier T.Valentino jkunu parti mill-organizzazzjoni. Hu stieden lil kulħadd sabiex jattendi. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż sabiex għal din l-attivita' jiġu mistiedna l-Onor. A. Zerafa Civelli, id-Direttur għal Gvern Lokali kif ukoll l-Onor. Carabott.

**49.5 Approvazzjoni ta' pagamenti u xiri ieħor**

L-iskeda tal-pagamenti nru.41 ġiet approvata minn dawk preżenti. Kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti.

Noel Muscat
Sindku

C. Buhagiar
Clarissa Buhagiar
Aġent Segretarju Eżekuttiv

**49.6 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

49.6.1 L-Aġent SE infurmat li l-applikazzjoni li issotometta għall-iskema SPI/SCI/6/2022 – Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali ġiet milqugħa. Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali ħa jkun qed jibbenifika mill-ammont ta' **€22,366.90.** Għaldaqstant, hekk kif jistipula l-kuntratt ta' din l-iskema, il-Kunsill Lokali huwa obbligat li jiffinanzja 15% ma' l-ammont mogħti mid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy.*

49.6.2 Rigward il-laqgħa annwali tal-lokalita', hija infurmat li l-avvizzi ġew ippublikati hekk kif il-Kunsill huwa obbligat u ħeġġet lil kullħadd biex jattendi.

49.6.3 Hija ppreżentat l-Appraisal Reports ta' 3 ħaddiema tal-Kunsill u dawn intbagħtu ukoll permezz ta' imejl lil kull Kunsillier. Kien hemm qbil unanimu li dawn jiġu approvati hekk kif hi irrakomandat.

49.6.4 L-Aġent SE ppreżentat l-Estimi Finanzjari għas-sena 2023 wara li l-Kunsill irċieva l-ammont ta' l-allokazzjoni għas-sena dieħla (anessa ma' dawn il-Mintuti bħala App.B). Hija nfurmat li l-qagħda finanzjarja tal-Kunsill hija waħda preokkupanti ħafna tant li anke fl-estimi finanzjajri qegħdin b'defecit. Wara diskuzzjoni, is-Sindku talab sabiex minnufih issir laqgħa mad-Dipartiment dwar din il-materja peress li dan il-Kunsill qatt ma kien f'din is-sitwazzjoni li ma jlaħħaqx ma' l-ispejjeż "normali". L-Aġent SE infurmat li jekk il-Kunsill se jibqa' f' din is-sitwazzjoni hemm possibilita' kbira li ma tkun tista' ssir l-ebda attivita s-sena dieħla u ma nitħallewx napplikaw għal skemi. Dawn l-estimi finanzjarji li ġew iċċirkolati minn qabel, ġew approvati b'mod unanimu pero' b'mod immedjat il-Kunsill irrid jibda' serjament jaħdem fuq kif se jiġġenera aktar dħul.

**Din is-seduta spiċċat fit-19.45 u s-seduta li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa 11 ta' Jannar fl-16.30.**

**Kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti.**

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Aġent Segretarju Eżekuttiv

## SWIEQI LOCAL COUNCIL

## COUNCIL MEETING 11/01/22

### Meetings held/attended

### 30.11.22 – Locality Meeting

The annual locality meeting was held. I presented my report which will be attached to this report.

### 05.12.22 to 10.12.22 – Christmas activities

Various activities were organised during these six days. I wish to take the opportunity to thank the organising committee headed by vice Mayor Ms MaryAnne Abela, councillors, the several helpers ably led by Ms Asha Caruana and the council staff for successfully organising these activities.
It is worth pointing out that the costs incurred were financed by special funds that were obtained.

### 09.12.22 – Daniel Vella from Club Class

Mr Vella enquired about the possibility that their language school participates in /co finances council activities

# Embellishment Works

## Embellishment of Gnien Maurice Caruana Curran

Works on this garden are expected to start. New rubber flooring will be installed in the coming weeks. The toys that are going to be purchased have been selected.

The chicken wire is going to be removed.

A tender needs to be issued for the civil works, which will include the embellishment of the two entrances, and the improvement of the lighting system and the repair of the pavement in triq is Sejjieh.

## Embellishment of Triq ta l-Ibrag

A tender for the works will be issued shortly

## Completion of works in the club house

Hopefully works on the Club House will be completed by the end of this month

## 4th Planter in Kartocc/Kwarta

The 4$^{th}$ planter in triq il Kwarta corner with triq il Kartocc will be built soon.

## Water Leak in Sidra

Residents have complained of water leaks in triq is Sidra. We need to find out from where this water is flowing out.

Noel Muscat
11.01.23